**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**
**(GHAWDEX)**

**IMHALLEF ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Seduta Nru :**
**Appell Nru: 198/2001**

**Il-Pulizija ( Spettur Antonello Grech )**

**Vs**

**MARIO ATTARD**

**Illum, 31 ta' Mejju, 2002.**

Il-Qorti :

Rat ic-citazzjoni li biha Mario Attard gie akkuzat talli fit-22 ta' Ottubru, 2000, ghall-habta tas-6.15 p.m., waqt li kien fil-'Hotba tal-Qasam', limiti ta' l-Gharb, Ghawdex (**1**) ikkaccja ghal xi ghasfur u/jew garr munizzjon u arma tan-nar barra mill-ghata taghha matul l-istagun maghluq, cioe' il-Hadd wara is-1.00 p.m., u (**2**) garr arma tan-nar, ikkaccja jew ipprova jikkaccja ghall-ghasafar minghajr ma kellu l-karta ta' l-identita' w l-licenzja tal-kacca mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija.

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-17 ta' Ottubru, 2001, li biha filwaqt li ma sabetx lill-Mario Attard hati tat-tieni akkuza l-ghaliex din ma rrizultatx u lliberatu minnha, sabitu hati biss fuq l-ewwel akkuza, stante l-ammissjoni tieghu ghaliha, u fuqha kkundannatu ghall-hamsin lira Maltin Multa (LM50), kif ukoll ordnat l-konfiska tas-senter u munizzjon u skalifikatu milli jkollu jew jottjeni licenzja ghall-kacca ghal zmien sena mid-data tas-sentenza taghha.

Rat ir-rikors ta' appell ta' Mario Attard datat 2 ta' Novembru, 2001, li bih talab li din il-Qorti tbiddel is-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fil-parti liberatorja taghha, tirriduci l-piena nflitta ghall-wahda ta' hamsin lira Maltin Multa (Lm 50) biss u tnehhi l-konfiska tas-senter u s-sospensjoni tal-licenzja tal-kacca.

Rat l-aggravju ta' l-appellant.

Rat il-provi li tressqum, id-dokumenti esebiti w l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni taz-zewg nahat.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi dan l-appell huwa limitat ghall-piena biss. L-appellant qed jilmenta mill-piena nflitta fuqu mill-ewwel Qorti billi jirritjeni li gja' la darba dan kien l-ewwel reat tieghu, kienet tkun bizzejjed ghalih piena ta' hamsin lira Maltin (LM50) Multa biss, minghajr ebda ordni ta' konfiska tas-senter u munizzjon u minghajr ebda sospensjoni tal-licenzja tieghu tal-kacca.

Jigi rilevat li dak li jghodd mhux il-piena li l-appellant jahseb li kienet tkun adegwata fil-konfront tieghu, izda biss dik il-piena li dehrilha opportuna l-ewwel Qorti. Din il-Qorti ma ssib ebda raguni valida legalment l-ghaliex ghandha b'xi mod tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti ghal dik li hija l-piena. F' tali cirkostanzi, ma tarax li huwa l-lok li din il-Qorti tvarja l-piena nflitta..

Ghalhekk, il-Qorti tichad l-appell ta' Mario Attard u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha.